

# Angelo Pullicino
# 1904 – 1979

**Matul din is-sena il-Każin Banda San Ġiljan qed jiċċelebra il-110 sena mit-twelid u l-35 sena mill-mewt ta' l-ewwel Surmast tagħha Mro. Angelo Pullicino. Biex tiġi mfakkra kif jixraq din l-okkażjoni il-Kumitat organizza diversi attivitajiet tul is-sena kollha. Fost l-aktar inizjjattiva importanti hija l-irrekordjar tas- CD doppja bi 30 marċ fost l-aqwa marċi li kkompona Mro. Pullicino.**

Tajjeb li nagħtu ħarsa kif beda l-karriera tiegħu Anġlu Pullicino.

Is-Surmast Angelo Pullicino hu iben Ġużeppi Pullicino u Francesca Borg. Huwa twieled fl-10 ta' Diċembru, 1904, fir-raħal ta' Birkirkara. Huwa ġie mgħammed fil-Bażilika ta' Sant' Elena. L-ismijiet li tawh il-parrini tiegħu kienu Ġużeppi, Speditu u Costantinu.

Is-Surmast Angelo Pullicino tista' tgħid hu sinonimu mal-Banda San Ġiljan. L-isem ta' Mro. Angelo Pullicino ma jistax joħrog mill-memorja ta' ħafna Ġiljanizi mhux biss għax kien l-ewwel Surmast tal-Banda San Ġiljan meta din twaqqfet fl-1927, izda baqa' Surmast tal-istess Banda għal 43 sena sħaħ, sal-1970.

Ta' eta' żgħira, Angelo wera interess kbir u kapaċita kbira fil-mużika u beda l-istudji mużikali tiegħu taħt il-Mro. Vincenzo Costa fl-Għaqda Mużikali Sant' Elena ġo Birkirkara. Mro. Costa mill-ewwel għaraf it-talenti mużikalii bihom kien mgħoni Anġlu, u ħajjar lil Anġlu biex jibda jistudja l-armonija taħt Mro. Ġużeppi Abdilla.

Fost l-aljevi tal-Banda Sant' Elena, Anġlu spikka ħafna, tant li s-surmast Costa kien ried jgħinu fil-lezzjonijiet tal-mużika fl-istess Banda Sant' Elena.Ċertu s-Sur Grech Duca, minn San Ġiljan, kien jiffrekwenta ħafna il-każin tal-Banda Sant' Elena u fost l-oħrajn kien ħabib ukoll ta' Dun Pawl Galea li kien eżattament għadu kif fetaħ id-Dar tad-Domus f' San Ġiljan stess. Is- Sur Grech Duca ħajjar lil dan iż-żagħżugħ karkariż li kien qed jispikka ħafna mal-Banda Sant' Elena, biex imur jibda' jgħallem lit-tfal tad-Domus fit-taħriġ mużikali tagħhom billi ħafna minnhom kienu qed imorru sa tas-Sliema biex jitgħallmu l-mużika. Minn issa l-quddiem bdiet ir-rabta ta' Anġlu Pullicino mal-Banda tad-Domus li wara ngħaqdet mac-Circolo Filarmonico San Giuliano u finalment sar il-Każin Banda San Ġiljan fl-1929.

Tul dawn is-snin il-Banda San Ġiljan saret waħda mill-baned magħrufin u ta' isem għal dak iż-żmien.Matul dawn it-tlieta u erbgħin sena Surmast tal-Banda San Ġiljan, għexieren ta' bandisti ta' kalibru ħarġu minn taħt idejh. Angelo Pullicino baqa' magħruf bħala s-"Surmast tal-Marċi s-Sbieħ u għall-Innu marċ li kien





jikkomponi, li ħafna minnhom għadhom jindaqqu minn bosta baned Maltin. L-Innu tal-Banda u l-Innu San Ġiljan huma xogħol tiegħu.

Fost marċi oħra li baqgħu jissemmew sal-lum il-ġurnata nsibu *Unconquered Malta, Angie, Tifħir lil San Giljan, Viva l-Ġiljaniżi Tifħir lil San Duminku,Reġina tal-Karmelu, Standard of Victory, Rover u l-Innu Marċ Marija.*

Is-Surmast Angelo Pullicino għamel ġieħ kbir lil Banda San Ġiljan u l-Ġiljaniżi huma grati għall-kontribut li hu ta lil Banda tagħna. Fl-1970 Angelo Pullicino kellu jirtira minħabba saħħtu. Bħala rikonoxximent ta' dan, Angelo Pullicino ġie mfakkar b-bust, li kien maħdum minn Alfred Camilleri Cauchi, li llum jinsab fil-Każin. Fl-20 ta' Settembru 1979 Mro. Angelo Pullicino ħalla din id-dinja.

Għalkemm hu ma baqax magħna żgur li baqa ħaj fix-xogħol mużikali li kiteb u li għadu jindaqq b'għożża kbira mill-Banda San Ġiljan u minn tant baned oħra madwar Malta u Għawdex.








